MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 135/2008

**Prinz International Limited (C-20531)**

**vs**

**Monica Panowek**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-13 ta’ Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun kkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ erbat elef disa’ mija wiehed u ghoxrin Ewro u hamsa u

erbghin centezmu (€4,921.45), rapprezentanti fondi avvanzati lilha mis-socjeta` rikorrenti indebitament u flejjes ohra mhallsa mill-istess socjeta` rikorrenti ghan-nom u a beneficcju tal-intimata stess, liema flejjes l-intimata kellha l-obbligu trodd lura lis-socjeta` rikorrenti u dan kif jidher mill-anness rendikont Dok A;

2. Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment mal-prezenti, u tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Settembru tas-sena 2006, u tal-ittra ufficjali a tenur tal-artiklu 166A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta datata 27 ta' Gunju tas-sena 2007 u debitament notifikata lill-intimata u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata datata t-13 ta' Mejju tas-sena 2008, li permezz taghha l-intimata ecceppiet is-segwenti:

1. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u kull ma hemm dovut hija s-somma ta' tmienja u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€58.25) ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25);

2. Illi hija s-socjeta` rikorrenti li ghandha tghaddi s-somma ta' tlett elef seba' mija u tlieta u erbghin Ewro u sittin centezmu (€3,743.60) lill-intimata Panowek rapprezentanti arretrati ta' paga lilha dovuti mis-socjeta` rikorrenti u dan minbarra l-interessi. F'dan ir-rigward hemm proceduri kriminali ghaddejjin kontra s-socjeta` rikorrenti fejn qieghda tigi akkuzata li naqset milli thallas lill-intimata Monica Panowek is-somma msemmija;

3. Salvi eccezzjonijet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminati id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti;

Tirrilleva li l-intimata la pprezentat il-provi kif dovuta, u ghazlet li lanqas tipprezenta r-rapprezentant legali taghha ghat-trattazzjoni orali, u dawn f'udjenzi appozitament rizervati ghal dawn l-ghanijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi fis-16 ta' Novembru tas-sena 2005 is-socjeta` rikorrenti kienet impjegat lill-intimata bhala "*sales manager*" , (ara fol 35);

2. Illi f'din il-kariga, l-intimata kienet responsabbli ghall-grupp ta' hames (5) persuni li xogholhom kien li jbieghu il-prodotti tas-socjeta` rikorrenti;

3. Illi l-intimata spiccat mill-impjieg mas-socjeta` rikorrenti fid-19 ta' Mejju tas-sena 2006, (ara fol 38);

4. Illi l-intimata kienet obbligata tahdem mis-sebgha ta' filghodu (7.00a.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.);

5. Illi immedjatament kif giet impjegata l-intimata, l-affarijiet bdew sejrin hazin, (ara fol 33), ghalkemm xoghol iehor li kien jaqa' taht persuni ohra kien jirrizulta li kien sejjer 'l quddiem;

6. Illi meta l-intimata kienet avvicinata mis-superjuri taghha biex tigi skoperta r-raguni ghal dan in-nuqqas, l-intimata kienet tinforma lis-superjuri taghha li x-xoghol innifsu kien sejjer hazin u dan ma kienx tort taghha;

7. Illi minn aktar investigazzjonijiet kondotti mis-socjeta` rikorrenti kien irrizulta karenzi serji fl-operat tal-intimata, fosthom li l-intimata:

i. kienet tibda x-xoghol taghha u tan-nies fdati taht ir-responsabbilita` taghha ferm aktar tard mid-dovut;

ii. tiehu pawsa wara xi saghtejn;

iii. kienet tirritorna l-ufficcju mas-siegha ta’ wara nofs inhar (1.00p.m.);

8. Illi wara investigazzjoni aktar approfondita rrizulta li s-“*sales persons”* fdati taht ir-responsabbilita` tal-intimati kienu qed jibzghu jgibu dan kollu ghall-attenzjoni tas-superjuri taghhom fl-istess azjenda;

9. Illi rrizulta wkoll li l-intimata kienet taqra x-xorti lill-impjegati ta’ tahtha u bi kliemha kienet werwrithom;

10. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti fl-atti odjerni huma dovuti lilha mill-intimata stante li din thallset aktar mid-dovut u baqghet izzomm l-istess ammont ta’ flus minghajr m’ghaddietu kif dovut, lis-socjeta` rikorrenti;

11. Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi fl-assenza assoluta u mhux legalment spjegabbli ta’ l-intimata din il-qorti m’ghandhiex alternattiva ghalfejn tiddubita fil-veradicita` tal-versjoni lilha fornita mis-socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimata u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-intimata Monica Panowek debitrici versu s-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ erbat elef disa’ mija u wiehed u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu, (€4,921.45), fondi lilha avvanzati mis-socjeta` rikorrenti indebitament liema ammont l-istess intimata kienet obbligata trodd lura lis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimata Monica Panowek biex thallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

3. Bl-ispejjez indikati fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-ittra ufficjali hemm indikata datata s-27 ta’ Gunju tas-sena 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------